**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 24 ta' Jannar, 2017**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Balo Usuman**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Balo Usuman u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 62354(A) u numru tal-pulizija 09H-014.

Akkuzat talli fit-23 ta’ Jannar 2017 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gzejjer jew fi bnadi ohra ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’ dokument jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument li hu kien jaf li gie iffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih, u cioe kellu fil-pussess tieghu permess ta’ residenza u passaport Taljani foloz (Kap. 61, Art. 5 tal-Liġijiet ta’ Malta);

Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument fuq imsemmi, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta (Kap. 9, Art. 189 tal-Liġijiet ta’ Malta);

Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta’ dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Art. 32(1d) tal-Liġijiet ta’ Malta);

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar l-24 ta’ Frar, 2017 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-

konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li kkopera fl-kors tal-investigazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Art. 17 u 189 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tnax (12) –il xahar prigunerija li b' applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum.

Il-Qorti inoltre tordna l-konfiska tad-dokumenti foloz favur il-Kummissarju tal-Pulizija għall-finijiet ta’ tahrig.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**